MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1855/2004

**Joseph Farrugia**

**Vs**

**Anthony Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm200 (mitejn lira Maltin) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura tal-attur wara incident stradali nhar it-22 ta' Marzu, 2004 bejn vettura numru ta' registrazzjoni IAC 448 misjuqa mill-attur u vettura bin-numru ta' registrazzjoni FIO 007 misjuqa mill-konvenut fi Triq Hal-Far, Birzebbugia meta l-konvenut baqa' diehel gol-vettura tal-attur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm200 (mitejn lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------